DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 207/2012

tas-7 ta' Diċembru 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 232/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jemenda l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu tal-Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 252/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, PCB simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1883/2006 [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 270/2012 tas-26 ta' Marzu 2012 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-ammidosulfuron, l-ażossistrobina, il-bentażon, il-biksafen, iċ-ċiprokonażol, il-fluwopiram, l-imażapik, il-malatjon, il-propikonażol u l-ispinosad f'ċerti prodotti jew fuqhom [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2012 tad-3 ta' Mejju 2012 li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa li saru fuq l-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal [5] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/770/UE tat-13 ta' Diċembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/980/UE dwar il-kondizzjonijiet ta' użu ta' indikazzjoni tas-saħħa awtorizzata dwar l-effett ta' konċentrat tad-tadam li jinħall fl-ilma fl-aggregazzjoni tal-plejtlets [6] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 iħassar, b'effett mill-1 ta' Diċembru 2012, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2008/60/KE [7], 2008/84/KE [8] u 2008/128/KE [9] li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-1 ta' Diċembru 2012.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 252/2012 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006 [10], li jinsab inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar taħt dan il-Ftehim.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II mal-Ftehim. B'hekk, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(10) Għalhekk, l-Annessi I u II għall-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I mal-Ftehim ŻEE:

"— **32012 R 0270**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 270/2012 tas-26 ta' Marzu 2012 (ĠU L 89, 27.3.2012, p. 5)."

Artikolu 2

Il-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jkun miżjud fil-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32012 R 0270**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 270/2012 tas-26 ta' Marzu 2012 (ĠU L 89, 27.3.2012, p. 5)."

[1] ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1.
[2] ĠU L 78, 17.3.2012, p. 1.
[3] ĠU L 84, 23.3.2012, p. 1.
[4] ĠU L 89, 27.3.2012, p. 5.
[5] ĠU L 119, 4.5.2012, p. 9.
[6] ĠU L 328, 14.12.2010, p. 18.
[7] ĠU L 158, 18.6.2008, p. 17.
[8] ĠU L 253, 20.9.2008, p. 1.
[9] ĠU L 6, 10.1.2009, p. 20.
[10] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 32.

2. It-test tal-punt 54zzzn (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006) għandu jitħassar.

3. It-test tal-punti 54zzzy (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE), 54zzzzg (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/84/KE) u 54zzzzh (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/128/KE) għandu jitħassar.

4. L-inċiż li ġej se jiżdied mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32012 R 0232**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 232/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 (ĠU L 78, 17.3.2012, p. 1)."

5. Li ġej għandu jinżdied fil-punt 54zzzzw (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/980/UE):

", kif emendant minn:

— **32010 D 0770**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/770/UE tat-13 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 328, 14.12.2010, p. 18)."

6. Il-punti li ġejjin se jiddaħħlu wara l-punt 68 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011):

"69. **32012 R 0231**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad- 9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1)

70. **32012 R 0252**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 252/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, PCB simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1883/2006 (ĠU L 84, 23.3.2012, p. 1).

71. **32012 R 0378**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 li jirrifjuta li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet dwar is-saħħa li saru fuq prodotti tal-ikel u li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 9)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 231/2012, (UE) Nru 232/2012, (UE) Nru 252/2012, (UE) Nru 270/2012 u (UE) Nru 378/2012 u d-Deċiżjoni 2010/770/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.